

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2010 — Anicav vs Il-Kummissjoni

(**Kawża T-454/10**)

(2010/C 328/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Associazione Nazionale degli Industriali delle Conserve Alimentari Veġetali (Anicav) (Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: J. da Cruz Vilaça, S. Estima Martins u S. Carvalho de Sousa, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52 u l-Anness VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 (¹), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 687/2010 (²); u
- tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors ir-rikorrenti titlob, skont l-Artikolu 263 TFUE, l-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 687/2010.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-att ikkонтestat jikser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (iktar 'il-quddiem ir-regolament waħdieni dwar l-OKS") (ĠU L 299, p. 1).

Billi naqas milli (i) jinkludi l-aktivitajiet tal-ipproċessar fl-Anness VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1580/2007 u (ii) jeskludi l-aktivitajiet ta' preparazzjoni, ta' ippakkjar, u ta' wara l-ipproċessar mill-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-prodotti li għandhom jiġu pprocċessati, l-att ikkонтestat jikser ir-regolament waħdieni dwar l-OKS, sa fejn dan tal-aħħar jipprovi li d-dispożizzjonijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jiġifieri l-għoti ta' ghajjnuna, għandhom jaapplikaw biss għall-prodotti koperti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settu tal-frott u l-hnejex.

Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li l-att ikkонтestat jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, billi jagħti ghajjnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fuq operazzjonijiet industrijali li huma mwettqa wkoll mill-industrija privata, l-att ikkонтestat jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jiprojbixxi li sitwazzjonijiet

paragunabbi jiġu trattati b'mod differenti, sakemm dan it-trat-tament ma jkunx iġġustifikat b'mod oġġettiv.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-att ikkонтestat jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità billi jagħti ghajjnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li tirrigwarda operazzjonijiet industrijali, anki dawn imwettqa mill-industrija privata, l-att ikkонтestat jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn jmur lil hinn minn dak li huwa neċċesarju sabiex jintlaħaq għan ipotetiku tal-Polika Agrikola Komuni fir-rigward tal-integrazzjoni vertikali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

(¹) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007, tal-21 ta' Diċembru 2007, li jistabbilixxi regoli ta' implementazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settu tal-frott u l-hnejex (ĠU L 350, p. 1).

(²) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 687/2010, tat-30 ta' Lulju 2010, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 li jistabbilixxi regoli ta' implementazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settu tal-frott u l-hnejex (ĠU L 199, p. 12).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2010 — McBride vs Il-Kummissjoni Ewropea

(**Kawża T-458/10**)

(2010/C 328/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Peter McBride (Downings, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. Collins SC, N. Travers, barrister u D. Barry, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4758, tat-13 ta' Lulju 2010, innotifikata b'ittra lill-Irlanda, li tiċħad talba għal żieda ta' kapaċità fir-rigward ta' bastiment tas-sajd għid, il-Peadar Elaine II, adottata sabiex tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/245/KE, tal-4 ta' April 2003, dwar l-applikazzjoni jiet li rċeviet il-Kummissjoni sabiex iżżejjid l-għanji jiet tal-PGM IV bil-ġhan li jiġu mtejba s-sigurta, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjoniet tax-xogħol għall-bastimenti ta' tul ġenerali ta' iktar minn tħażżej il-metru (ĠU L 90, p. 48), li għiet annul-lata, sa fejn tikkonċera lir-rikorrent, permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-13 ta' Ġunju 2006, fil-Kawżi magħ-quda T-218/03 sa T-240/03, Boyle et vs Il-Kummissjoni (Għabra P. II-1699); u

- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.